**151. Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami ppropona:-**

Billi skont id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) tal-artikolu 48 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandu jkun hemm President ta' Malta li jiġi maħtur b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

U billi skont is-subartikolu (3) tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni l-kariga ta' President ta' Malta ssir vakanti fl-4 ta' April, 1994;

Għalhekk il-Kamra tad-Deputati bis-saħħa u għall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 48 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tirriżolvi li taħtar lil Dr Ugo Mifsud Bonnici  President ta' Malta.

29.03.1994